Il-Ġurnal Uffiċjali C 255

tal-Unjoni Ewropea

Volum 59

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

14 ta' Lulju 2016

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 255/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8011 — SIA Group/Airbus Group/JV) [1] 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 255/02 Rata tal-kambju tal-euro 2

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2016/C 255/03 Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali 3

MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 255/04 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8093 — EQT/Bilfinger Real Estate Solutions u Bilfinger Efficiency) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) 4

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 255/05 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 5

Rettifika

2016/C 255/06 Rettifika tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE *(Pubblikazzjoni tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011)* (ĠU C 248, 8.7.2016) 9

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.8011 — SIA Group/Airbus Group/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 255/01)

Fis-7 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M8011. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

It-13 ta' Lulju 2016

(2016/C 255/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1072	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4452
JPY	Yen Ġappuniż	115,82	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,5892
DKK	Krona Daniża	7,4378	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5154
GBP	Lira Sterlina	0,83398	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4903
SEK	Krona Żvediża	9,4368	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 265,58
CHF	Frank Żvizzeru	1,0909	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	15,8695
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,4077
NOK	Krona Norveġiża	9,3145	HRK	Kuna Kroata	7,4932
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 443,98
CZK	Krona Ċeka	27,033	MYR	Ringgit Malażjan	4,3659
HUF	Forint Ungeriż	313,39	PHP	Peso Filippin	52,182
PLN	Zloty Pollakk	4,4055	RUB	Rouble Russu	70,6406
RON	Leu Rumen	4,4914	THB	Baht Tajlandiż	38,951
TRY	Lira Turka	3,2047	BRL	Real Brażiljan	3,6517
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4517	MXN	Peso Messikan	20,2800
			INR	Rupi Indjan	74,2155

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

(2016/C 255/03)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza l-kompetizzjoni ġenerali li ġejja:

EPSO/AST-SC/05/16 — UFFIĊJALI TAL-AKKREDITAZZJONI/RECEPTIONISTS (SC 1/SC 2)

L-avviż tal-kompetizzjoni huwa ppubblikat f'24 lingwa f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 255 A tal-14 ta' Lulju 2016.

Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-sit web tal-EPSO: http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8093 — EQT/Bilfinger Real Estate Solutions u Bilfinger Efficiency)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 255/04)

1. Fil-5 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża EQT VII ("EQT", ir-Renju Unit) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll tal-impriżi Bilfinger Real Estates Solutioons GmbH u Bilfinger GmbH ("Bilfinger", il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal EQT: EQT hija fond ta' investiment imniedi fl-2015. Hija tagħmel investimenti primarjament fl-Ewropa tat-Tramuntana. EQT VII hija parti mill-grupp ta' fondi ta' ekwità privata, EQT,

— għal Bilfinger: Bilfinger hija kumpanija tas-soluzzjonijiet tal-proprjetà immobbli attiva fi tliet taqsimiet prinċipali: i), il-Bini, ii) is-Servizzi tal-Faċilitajiet u iii) il-Proprjetà Immobbli, bil-Ġermanja bħala l-enfasi ġeografika prinċipali tagħha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8093 — EQT/Bilfinger Real Estate Solutions u Bilfinger Efficiency, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89

(2016/C 255/05)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed jopponi għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 17(7) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

SKEDA TAS-SOMMARJU

TEQUILA

Nru tal-UE: PGI-MX-01851 — 3.1.2013

1. **Isem**

TEQUILA

2. **Kategorija ta' xarba spirituża**

Il-kategorija "Xorb spirituż ieħor" tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008.

3. **Deskrizzjoni**

It-Tequila hija xarba alkoħolika miksuba permezz tad-distillazzjoni tal-meraq estratt direttament mill-qalba tal-agave blu (*Agave tequilana* F.A.C. Weber), idrolizzat jew imsajjar qabel jew wara, u ffermentat bil-ħmira (ikkulturata jew inkella mhux ikkulturata). Il-meraq jista' jiġi msaħħaħ u mħallat ma' zokkrijiet oħrajn, sakemm dawn jirrappreżentaw mhux iktar minn 49 % tat-total taz-zokkrijiet riduċenti espressi f'unitajiet ta' massa. Bħala riżultat ta' dan, hemm żewġ kategoriji ta' tequila, skont jekk il-meraq huwiex imsaħħaħ u mħallat ma' zokkrijiet oħrajn: 100 % Tequila tal-agave (bil-kontenut taz-zokkor kollu miksub mill-materja prima) u Tequila (taħlita li jkun fiha sa 49 % ta' zokkrijiet minn sorsi oħra).

Kull waħda minn dawn il-kategoriji hija maqsuma f'ħames tipi:

Tequila blanco [Tequila bajda]: Il-kontenut ta' alkoħol ta' dan il-prodott kummerċjalizzat għandu jiġi mħallat bl-ilma fejn meħtieġ.

Tequila joven/oro [Tequila dehbija]: It-togħma ta' dan il-prodott tista' ssir aktar armonjuża bl-użu ta' addittivi. Il-kontenut ta' alkoħol ta' dan il-prodott kummerċjalizzat għandu jiġi mħallat bl-ilma fejn meħtieġ. Kwalunkwe taħlita ta' Tequila bajda ma' Tequila invekkjata u/jew strainvekkjata u/jew ultrainvekkjata hija kkunsidrata bħala Tequila dehbija.

Tequila reposado [Tequila invekkjata]: It-togħma ta' dan il-prodott tista' tiġi armonizzata. Jiġi mmaturat fi btieti tal-ballut (common oak jew holm oak) għal mill-inqas xahrejn. Il-kontenut ta' alkoħol ta' dan il-prodott kummerċjalizzat għandu jiġi mħallat bl-ilma fejn meħtieġ.

Tequila añejo [Tequila strainvekkjata]: It-togħma ta' dan il-prodott tista' tiġi armonizzata. Jiġi mmaturat fi btieti tal-ballut (common oak jew holm oak) b'kapaċità massima ta' 600 litru għal mill-inqas sena. Il-kontenut ta' alkoħol ta' dan il-prodott kummerċjalizzat għandu jiġi mħallat bl-ilma fejn meħtieġ. Kwalunkwe taħlita ta' Tequila strainvekkjata u Tequila ultrainvekkjata hija kkunsidrata bħala Tequila strainvekkjata.

Tequila extra añejo [Tequila ultrainvekkjata]: It-togħma ta' dan il-prodott tista' tiġi armonizzata. Jiġi mmaturat għal mill-inqas tliet snin b'kuntatt dirett mal-injam tal-btieti tal-ballut (common oak jew holm oak) b'kapaċità massima ta' 600 litru. Il-kontenut ta' alkoħol ta' dan il-prodott kummerċjalizzat għandu jiġi mħallat bl-ilma fejn meħtieġ.

([1]) ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.

4. **Karatterisiċi organolettiċi**

Dehra: Ħafifa, medja jew magħquda, li tiddependi fuq kemm it-tequila tibqa' mwaħħla mat-tazza, bil-ħolqien ta' "dmugħ" jew "saqajn".

Kulur: It-Tequila bajda hija ċarissima u trasparenti, bi ħjiel ta' fidda. Il-kulur ta' tipi oħra ta' Tequila, li jista' jiġi armonizzat, ivarja minn kulur it-tiben sa kulur it-tiben skur, bi lwien minn dak dehbi sa ħamrani jew lewn l-okra; dawn it-tipi oħra ta' Tequila jiġu mmaturati b'kuntatt dirett mal-injam tal-btieti tal-ballut (common oak jew holm oak).

Aroma:

— Tequila bajda: ħjiel ta' rwejjaħ taċ-ċitru bil-frott u l-fjuri.

— Tequila żagħżugħa: aroma tal-injam.

— Tequila invekkjata: aromi pikkanti; ton kemxejn ħelu, bi ħjiel ta' vanilja u butir.

— Tequila strainvekkjata u ultrainvekkjata: aromi tal-fjuri u tal-frott.

Togħma:

— Tequila bajda: agave msajjar u togħmiet erbali evidenti.

— Tequila żagħżugħa: preżenza ta' ħxejjex, agave msajjar, agave mhux ipproċessat, ħjiel ta' injam.

— Tequila invekkjata: togħmiet mhux qawwija, kemxejn ħelwin u tal-frott; togħma kemxejn morra u impatt ħafif għal moderat tal-alkoħol.

— Tequila strainvekkjata u ultrainvekkjata: frott imnixxef, ħwawar, vanilja, injam, karamella u duħħan, bil-qrusa.

5. **Karatteristiċi fiżiċi u kimiċi**

Il-qawwa alkoħolika f'temperatura ta' 20 °C (% ABV): 35 sa 55

Estratt niexef (g/l): 0 sa 0,30 għall-bajda; 0 sa 5 għad-dehbija, l-invekkjata, l-istrainvekkjata u l-ultrainvekkjata.

Alkoħoli ogħla jew żejt fusel, jiġifieri alkoħoli b'piż molekulari ogħla minn dak tal-etanol, bħall-alkoħoli amil (f'mg/100 ml ta' alkoħol anidru): 20 sa 500

Furfural (f'mg/100 ml ta' alkoħol anidru): 0 sa 4

Metanol ([1]) (f'mg/100 ml ta' alkoħol anidru): 30 sa 300

Aldeidi (bħall-aċetaldeid) (f'mg/100 ml ta' alkoħol anidru): 0 sa 40

Esteri, bħall-aċitat etiliku (f'mg/100 ml ta' alkoħol anidru):

— 2 sa 200 għall-bajda u d-dehbija.

— 2 sa 250 għall-invekkjata, l-istrainvekkjata u l-ultrainvekkjata.

6. **Żona ġeografika**

Is-sors tal-materja prima użata fil-produzzjoni tat-Tequila u l-post ta' produzzjoni għandhom ikunu fiż-żona ġeografika protetta mid-denominazzjoni ta' oriġini, li tinkludi 181 muniċipalità fil-Messiku: l-istat ta' Jalisco kollu (b'mod partikolari l-muniċipalità ta' Tequila, li tagħti l-isem lil din l-indikazzjoni ġeografika), tmien muniċipalitajiet fl-istat ta' Nayarit (Ahuacatlán, Amatlán de Cañas, Ixtlán del Río, Jala, Xalisco, San Pedro de Lagunillas, Santa María del Oro u Tepic), sebgħa fl-istat ta' Guanajuato (Abasolo, Ciudad Manuel Doblado, Cuerámaro, Huanimaro, Pénjamo, Purísima del Rincón u Romita), 11 fl-istat ta' Tamaulipas (Aldama, Altamira, Antiguo Morelos, Gómez Farías, González, Llera, Mante, Nuevo Morelos, Ocampo, Tula u Xicoténcatl) u 30 fl-istat ta' Michoacán (Briseñas de Matamoros, Chavinda, Chilchota, Churintzio, Cotija, Ecuandureo, Jacona, Jiquilpan, Marcos Castellanos, Maravatío, Nuevo Parangaricutiro, Numarán, Pajacuarán, Peribán, La Piedad, Los Reyes, Regules, Sahuayo, Tancítaro, Tangamandapio, Tangancícuaro, Tanhuato, Tingüindin, Tocumbo, Venustiano Carranza, Villamar, Vista hermosa, Yurécuaro, Zamora u Zináparo).

([1]) Il-valur minimu jista' jitnaqqas jekk il-manifattur tat-Tequila juri lill-Bord Regolatorju għat-Tequila (l-awtorita kompetenti ta' kontroll skont il-punt 11 ta' dan is-sommarju) li l-kontenut tal-metanol jkun jista' jitnaqqas b'mod fattibbli bl-użu ta' proċess differenti.

7. **Il-metodu kif isir ix-xorb spirituż**

It-tkabbir tal-agave u t-tneħħija tal-weraq: In-nebbieta tal-*Agave tequilana* F.A.C. Weber iridu jilħqu bejn wieħed u ieħor 50 cm. Il-pjanta għandha ċiklu veġetattiv ta' madwar għaxar snin. Il-weraq jinżabar sal-bażi, b'mod li tibqa' biss il-qalba tal-pjanta [proċess magħruf bħala "*jima*"].

It-tisjir u t-tisħiq: L-agave jissajjar bil-fwar taħt pressjoni, jew fi fran tradizzjonali tal-brikks jew f'awtoklavi. Ladarba jissajjar, l-agave jiġi ttrasportat lejn l-imtieħen, fejn jitqatta' f'biċċiet żgħar u jitfarrak.

L-estrazzjoni tal-meraq u tal-polpa: Il-polpa tiġi sprejjata b'ilma taħt pressjoni u mbagħad tiġi ppressata. Il-meraq jiġi separat biex il-proċess industrijali jkun jista' jkompli.

It-taħlit: Il-meraq tal-agave (minimu ta' 51 %) jista' jitħallat ma' preparazzjoni ta' ġuleppijiet oħrajn (mhux aktar minn 49 %) għall-fermentazzjoni sussegwenti.

Il-fermentazzjoni: Il-meraq jitferra' fi btieti kbar. F'dan il-punt, jinżiedu l-ilma, il-ħmira (ikkulturata jew inkella mhux ikkulturata) u n-nutrijenti għall-fermentazzjoni alkoħolika.

Id-distillazzjoni: Il-prodotti tal-fermentazzjoni huma separati bl-użu tas-sħana u l-pressa biex isiru prodotti b'livell għoli ta' alkoħol (Tequila) u residwi. Imbagħad jiġu applikati temperaturi għoljin. Żewġ distillazzjonijiet huma meħtieġa; l-ewwel waħda hija magħrufa bħala d-"*destrozamiento*" (qerda) u t-tieni hija r-"*rectificación*" (rettifikazzjoni).

Il-maturazzjoni: It-Tequila invekkjata għandha timmatura għal mill-inqas xahrejn, it-Tequila strainvekkjata għal mill-inqas sena, u t-Tequila ultrainvekkjata għal mill-inqas tliet snin b'kuntatt dirett mal-injam tal-btieti tal-ballut (common oak jew holm oak).

L-ibbottiljar: Ir-rekwiżit li t-Tequila tiġi bbottiljata f'impjant immaniġġjat mill-istess produttur awtorizzat u li jinsab ġewwa ż-żona ġeografika protetta japplika biss għall-kategorija tal-"100 % Tequila tal-agave". Fil-produzzjoni tal-"100 % Tequila tal-agave", il-meraq mhuwiex imsaħħaħ b'zokkrijiet oħra minbarra dawk miksuba mill-*Agave tequilana* F.A.C. Weber. Dan jagħti aktar kumplessità organolettika lill-prodott, li tista' tiġi pperikolata mit-trasport bl-ingrossa barra ż-żona protetta. Ir-rekwiżit li l-prodott jiġi bbottiljat fiż-żona ta' oriġini mill-produtturi awtorizzati stess jiżgura li jinżammu l-aromi u t-togħmiet speċifiċi. Hemm tradizzjoni twila li teżiġi li l-"100 % Tequila tal-agave" tiġi bbottiljata fiż-żona ta' produzzjoni (li tmur lura saħansitra qabel ir-rikonoxximent ta' Tequila bħala denominazzjoni tal-oriġini) sabiex tiġi ppreservata l-kwalità u, b'riżultat ta' dan, ir-reputazzjoni tal-prodott. L-ispezzjonijiet kollha fiż-żona protetta ta' "100 % Tequila tal-agave" jitwettqu fuq is-sit mill-Bord Regolatorju għat-Tequila.

8. **Rabta ġeografika**

It-Tequila msemmija wara l-muniċipalità tal-istess isem fl-istat ta' Jalisco.

It-Tequila magħmula mill-agave blu (*Agave tequilana* F.A.C. Weber), li huwa endemiku fir-reġjun tal-Vulkan ta' Tequila.

L-eżistenza tal-agave blu u l-użi differenti tiegħu jistgħu jiġu ttraċċati lura għall-era pre-Kolombjana. Diversi kodiċijiet (Nuttall u Tonaltlanahuatl) iddeskrivew kif il-Messiki ("dawk li jgħixu fuq il-*mezcali* [xarba spirituża]", imsemmija f'unur l-alla tal-qedem tagħhom Mexitli, li jfisser "iż-żokra tal-agave"), tgħallmu jiġbru l-qlub tal-mescal (*metl*), jaħmuhom fi fran ta' taħt l-art u b'hekk jiksbu l-*mezcali*.

Il-kelma "Tequila" ġejja mit-termini tan-Nahuatl *tequi* u *tlan*, li jfissru "il-post għat-tqattigħ" jew "il-post fejn tħallas it-taxxa".

Iż-żona protetta mill-Indikazzjoni Ġeografika tgawdi minn klima moderata, b'temperaturi ta' bejn 15 °C u 29,9 °C, li hija ideali għall-kultivazzjoni tal-*Agave tequilana* F.A.C. Weber. L-agave għandu jitkabbar f'altitudni ta' bejn 1 600 u 2 000 metru "l fuq mil-livell tal-baħar, fejn it-temperaturi huma l-aħjar u tista" tiġi ggarantita xita annwali ta' madwar 1 073 sa 1 440 mm. Taħt kundizzjonijiet ikkontrollati l-*Agave tequilana* F.A.C. Weber intwera li għandu reżistenza limitata għat-temperaturi baxxi.

It-Tequila ġiet prodotta għall-ewwel darba mal-erba' sekli ilu. Id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tagħha ntirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra, u saret mod ta' għajxien għall-aktar minn 50 000 familja li jgħixu fir-reġjuni fejn tiġi prodotta x-xarba. Il-metodi tradizzjonali għadhom jintużaw fil-proċess ta' produzzjoni, bħat-tkabbir tal-agave u l-"*jima*" (iż-żabra tal-weraq sal-bażi tal-pjanta), it-tisjir u t-tisħiq tal-qlub tal-agave, l-estrazzjoni tal-meraq u tal-polpa, it-taħlit, il-fermentazzjoni, id-distillazzjoni u l-maturazzjoni.

It-Tequila hija x-xarba l-aktar famuża u emblematika tal-Messiku, u tifforma parti mill-identità globali tiegħu, billi tirrifletti t-tradizzjoni, il-kwalità u l-eċċellenza. Kibret firxa sħiħa ta' servizzi u prodotti ta' kwalità għolja madwar il-kultura tat-Tequila, li għamlet ir-reġjun salib it-toroq ta' storja u tradizzjoni magħruf, fost affarijiet oħra, għall-vulkan ta' Tequila u għall-Pajsaġġ tal-Agave u l-Faċilitajiet Industrijali Antiki ta' Tequila (Sit ta' Wirt Dinji tal-Unesco mill-2006).

9. **Rekwiżiti skont il-leġiżlazzjoni domestika**

— Dikjarazzjoni Ġenerali ta' Protezzjoni tad-Denominazzjoni tal-Oriġini "Tequila" mill-Ministeru tal-Wirt u l-Industrija, ippubblikata fil-*Gazzetta tal-Federazzjoni Messikana* fid-9 ta' Diċembru 1974.

— Standard Uffiċjali NOM-006-SCFI-2012 (xarbiet alkoħoliċi – Tequila –speċifikazzjonijiet).

L-Istandard Uffiċjali NOM-006-SCFI-2012 jistipula l-ispeċifikazzjonijiet obbligatorji għall-informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni u s-saħħa li għandha tiġi pprovduta fuq it-tikketti kollha tat-Tequila. L-informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni trid tkun ħielsa minn kwalunkwe kliem, stampi jew deskrizzjonijiet li jistgħu jqarrqu jew iħawdu lill-konsumaturi minħabba xi impreċiżjoni, bħal "100 % naturali", "100 % Messikan", "100 % prodott naturali", "100 % invekkjata" jew deskrizzjonijiet simili, peress li dawn id-deskrizzjonijiet jistgħu jitħawdu mal-kategorija tal-"100 % tal-agave" jew jagħtu vantaġġ inġust lill-produtturi li jużawhom fuq dawk li ma jużawhomx.

Għat-Tequila maħsuba għall-esportazzjoni, l-Istandard NOM-006-SCFI-2012 jeħtieġ li tal-anqas l-informazzjoni li ġejja tidher fil-parti prinċipali tat-tikketta: il-kelma "Tequila"; il-kategorija u t-tip; it-togħmiet, l-aromi u l-kuluri miżjuda, fejn applikabbli; u t-trademark irreġistrata jew xi sinjal distintiv ieħor skont il-ftehim tar-responsabbiltà konġunta miżmum fl-Uffiċċju Messikan tal-Privattivi u tat-Trademarks. L-informazzjoni li ġejja hija obbligatorja iżda tista' titqiegħed fuq kwalunkwe parti tat-tikketta jew tal-pakkett: il-kliem "*Hecho en México*", "*Producto de México*", "*Elaborado en México*" ("magħmula l-Messiku", "prodott tal-Messiku"), jew kliem simili; il-kodiċi uffiċjali u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur awtorizzat; u n-numru tal-lott.

Dan li ġej jista' jiġi tradott f'lingwi oħra: dettalji tat-tip ta' tequila; it-togħmiet, l-aromi u l-kuluri miżjuda, fejn applikabbli; u l-kliem "*Hecho en México*", "*Producto de México*", "*Elaborado en México*" ("magħmula l-Messiku", "prodott tal-Messiku"), jew kliem simili. Kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' jew għandha tiġi inkluża fil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż li fih qed tiġi importata t-Tequila tista' tiġi ddikjarata bil-lingwa rilevanti.

It-termini Spanjoli għat-tipi differenti ta' Tequila jistgħu jiġu maqluba bit-traduzzjoni fil-lingwa rilevanti skont il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż jew tal-post tal-bejgħ, jew b'dawn li ġejjin: "fiddien" għal *blanco* jew *plata*; "dehbija" għal *joven* jew *oro*; "invekkjata" għal *reposado*; "strainvekkjata" għal *añejo*, u "ultrainvekjjata" għal *extra añejo*.

It-tul ta' żmien tal-maturazzjoni ma jistax jidher fuq it-tikketta ta' Tequila ultrainvekkjata.

10. **Min jagħmel it-talba:** Consejo Regulador Del Tequila, A.C., bis-sede tiegħu f'Avenida Patria 723, Col. Jardines de Guadalupe, f'Zapopán, Jalisco, il-Messiku.

11. **Awtorità ta' sorveljanza:** Consejo Regulador Del Tequila, A.C. [Il-Bord Regolatorju għat-Tequila] huwa l-korp kompetenti responsabbli għall-verifika, l-monitoraġġ u ċ-ċertifikazzjoni tat-Tequila. Ġie akkreditat kif meħtieġ mill-Bord għall-Akkreditazzjoni Messikana skont l-istandard tal-ISO/IEC 065 u approvat mid-Direttorat Ġenerali għall-Istandards tal-Uffiċċju tas-Segretarju għall-Ekonomija. L-unità ta' ċertifikazzjoni għandha awtonomija sħiħa u indipendenza fid-deċiżjonijiet tagħha li huma relatati maċ-ċertifikazzjoni teknika.

RETTIFIKA

Rettifika tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE

(Pubblikazzjoni tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011)

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 248 tat-8 ta' Lulju 2016)

(2016/C 255/06)

F'paġna 9, fit-tabella, wara t-tnax-il ringiela, (130033-00-0603 — Imsiemer u viti biex jintużaw f'nailing plates fi strutturi tal-injam), għandu jiżdied dan li ġej:

Referenza u titlu tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni		Referenza u titlu tad-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni li ġie sostitwit	Kummenti
"150003-00-0301	Siment ta' saħħa kbira"		

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT